MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Numru 771/2006

Il-Pulizija
(Spettur Raymond D’Anastas)

vs

Jason Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Jason Mifsud detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 354774M, akkuzat talli:

Fil-25 ta’ Mejju 2005 f’hinijiet differenti gewwa Hal-Qormi, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda;

Fid-data, hinijiet u cirkustanzi indikati hawn fuq, irrenda ruhu komplici f’attentat ta’ serq minn diversi djar u dan

wara li bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dawn id-delitti, liema delitti ma gewx esegwiti minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u li liema delitti kieku gew ikkunsmati kienu jkunu ikkwalifikati bil-mezz u valur.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa akkuzat b'komplicita' fl-attentat ta' serq.

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat; rat l-artikolu 41(a), 31, 42, 43, 44, 261(e) u 286 tal-Kap 9 u tikkundanna lill-imputat sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin u tikkonferma n-nomina tal-ufficjal tal-probation fil-persuna ta' Victoria Grech, u fost il-kundizzjonijiet gia' applikabbli tordna li l-imputat jigi darba kull hmistax sottopost ghat-test tal-urina.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------